# Bħal-Lum......

*Kitba ta' Constantine Busuttil*

**165 sena Ilu –**
Wara l-kunsens tal-Papa Piju IX li ngħata fil-5 ta' Marzu 1852 biex tinbena l-Knisja l-ġdida, minn fost is-slimiżi twaqqaf kumitat jew deputati għall-bini tal-knisja l-ġdida li kien jinkludi fost l-oħrajn, In-negozjant G.R. Schembri bħala Segretarju, In-Nutar Emm. Catania bħala Kaxxier, filwaqt Salv Giammalva kien is-sovraintendent għall-bini. Il-Perit kien Bonavia.

**145 Sena ilu-**
Fis-27 ta' Marzu 1872, saret l-ewwel purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri li kienet għadha kemm tlestliet mill-istatwarju Vinċenzo Cremona, li ħadimha fil-bottega tiegħu fi Triq il-Katidral. L-istatwa kienet rigal ta' Paolo Sapienza. Ġiet it-trasportata minn ġo dar fi Triq San Pietru f'purċissjoni sal-Knisja ta' Stella Maris. Din l-istatwa li sfortunatament inqerdet fil-gwerra, kienet meqjusa bħala l-kapulavur ta' Cremona.

Dejjem fl-1872, insibu ukoll l-ewwel purċissjoni li qatt ħarġet mill-Knisja tagħna fl-okkażjoni Tal-Festa ta' Korpus.

**120 Sena ilu –**
Tlesta x-xogħol tat-tkabbir tal-Knisja fejn ġie fi tmiem tiegħu meta tlestiet il-koppla, li f'deskrizzjoni tal-gazzetti ta' dak iż-żmien jgħidulna li kienet "alta e grandiosa"

**130 Sena ilu-**
Fl-10 t' April 1887 ġewwa l-Parroċċa ta' Stella Maris, daqqet għall-ewwel darba, t-tieni Banda Slimiża li qatt twaqqfet, bl-isem "Soċieta Filarmonica Mannarino" u li kellha bħala Surmast Direttur tagħha Mro. Giuseppe Borg. Iżda din il-Banda kellha ħajja qasira tant li nsibu ma nstemgħet iżjed wara Ottubru tas-sena ta' wara, jiġifiri l-1888.

Fil-Festa ta' Stella Maris insibu tinħareġ fil-purċissjoni għall-ewwel darba, jiġifiri l-Ħadd 21 ta' Awwissu 1887, dik li serviet bħala t-tieni statwa titulari tal-parroċċa tagħna, din l-istatwa li ġiet imżanżna dik is-sena kienet xogħol l-istatwarju Vinċenzo Cremona. Din l-istatwa baqgħet toħroġ sa' l-1890, peress li sena wara nġiebet minn Pariġi l-Istatwa Titulari li għadna ngawdu sal-lum. L-istatwa ta' Cremona li ħadd ma jaf x'sar minnha, biss teżisti deskrizzjoni tagħha, li tgħidilna li din l-istatwa kienet turi "*Lill-Verġni Mbierka wieqfa tidher qed tikkalma b'sinjal ta' idejha lil mewġ imqalleb taħt riġlejha, Fejn f'saqajn il-Madonna, fin-nofs kien jidher anġlu jżomm ankra mkissra nofsha mgħarrqa. Fuq il-lemin kien jidher anġlu ieħor qed jitlob b'idejh miftuħa filwaqt li fuq ix-xellug anġlu ieħor kien iżomm faxxa b'kitba fuqha ta' Ave Maris Stella*"

**105 sena ilu –**
Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' Stella Maris li dik is-sena ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 25 ta' Awwissu 1912, ġew imżanżna sett kandlieri għall-maġġur, bil-prima, sekonda u terz ordni. Xogħol l-aħwa Farrugia ta' L-Imdina. L-ispejjeż ta' din l-opra ġew miġbura minn Giovann Calleja u Emm. Aquilina

**125 Sena ilu –**
Fil-Knisja ta' Stella Maris fid-19 ta' Marzu 1892, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp, ġiet imżanżna statwa tal-qaddis li kienet maħduma ġewwa Pariġi, x'aktarx fl-istess fabbrika fejn sena inħadmet l-istatwa titulari, jiġifiri Maison Raffl – La Statue Religieuse. Sfortunament l-istatwa ta' San Ġużepp inqerdet fl-1942 waqt il-ħbit mill-arju tal-Knisja waqt il-gwerra.

Għall-okkażjoni tal-Festa titulari tas-sena 1892 ġie inawgurat il-kor skolpit minn Paolo Bugeja fuq disinn tas-Sur Nikola Vassallo, L-ispiża totali ta' dan ix-xogħol kien ta' 150 sterlina.

**85 Sena Ilu –**
Il-Banda Stella Maris esegwiet Programm Mużikali mill-aqwa taħt id-direzzjoni tar-Surmast Direttur tagħha Mro. Antonio Darmanin ġewwa Pjazza Tezorerija, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Empire Day.

**80 sena Ilu –**
Fl-okkażjoni ta' l-inkoronazzjoni tar-Re Ġorġ VI nhar l-14 ta' Marzu 1937 il-Banda Stella Maris flimkien ma' 35 Baned oħra Maltin daqqew l-Innu Malti quddiem il-Berġa ta' Kastilja u wara għamlu marċ trijonfali fi Triq ir-Rjali sa' quddiem il-Palazz tal-Gvernatur fejn għal darb'oħra daqqew l-Innu Malti taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carlo Diacono. Aktar tard dak il-jum il-Banda bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għamlet Programm Mużikali ġewwa Pjazza Annunzjata.

*It-tlugħ ta' waħda mill-qniepen 80sena ilu*



Fl-1 ta' Awwissu ta' l-1937 fl-okkażjoni ta' l-ewwel quddiesa ta' Dun Ġużepp Lupi il-Banda Stella Maris akkumpanjat lil Dun Lupi sal-knisja Parrokkjali. Wara l-quddiesa sar riċeviment ġewwa l-Każin għad-unur is-Saċerdot ġdid mill-parroċċa tagħna.

F'Awwissu ta' l-1937, Inġiebu mill-Italja sett qniepen ġodda għall-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris li nħadmu mid-ditta Enrico Bianchi ta' Varese. Il-qniepen tpoġġew f'posthom fil-Kampnari bejn l-14 u l-15 ta' Awwissu, biex nhar Sta. Marija stess daqqew l-ewwel nota tagħhom f'Tas-Sliema. (ara artiklu fuq il-qniepen paġna26 )

**75 Sena ilu-**

Minkejja t-tifrik tal-gwerra insibu li nhar l-1 ta' Frar 1942, il-Banda Stella Maris ħarġet iddoqq marċi brijużi u bir-raġun, dakinhar kien ħa l-pussess tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Dun Ġużepp Inguanez, l-ewwel iben tal-Parroċċa li laħaq kappillan tal-Parroċċa Matriċi Slimiża. Il-Banda akkumpanjat lil Dun Ġużepp sal-Knisja u wara għamlet Programm Mużikali fi Pjazza Annunzjata. F'dik li kienet ġurnata eċċezzjoni fost air raids, imwiet u tifrik.

Dejjem 75 sena ilu, din id-darba Jum ta' niket, meta xahar wara li Dun Ġużepp jiġifiri fl-1 ta' Marzu 1942, Il-Knisja ewlenija ta' Tas-Sliema, ġiet milquta mill-bombi ta' l-għadu, il-ħsarat fil-Knisja ta' Stella Maris kienu konsiderevoli speċjalment fil-kappellun tad-Duluri u bil-koppla tispiċċa mdendla. Minbarra t-telf ta' bosta opri artistiċi. Minħabba l-ħsarat u l-periklu l-knisja kellha tingħalaq għall-kult.

Nibqaw dejjem fl-1942, Meta l-Ħadd 20 ta' Diċembru ta' 75sena ilu, bit-tħabrik tal-Kappillan Inguanez u tas-slimiżi, il-Knisja Parrokkjali terġa' tiftaħ għall-kult għalkemm parzjalment, wara t-tiswija provisorja li saret. Liema xogħol baqa għaddej fix-xhur ta' wara.



*Il-Knisja wara li ġiet milquta*

**55sena ilu –**

Lejliet il-Festa tas-sena 1962, kien mistieden ta' l-unur, il-Gvernatur ta' Malta, Sir Maurice Dorman u s-sinjura tiegħu, fejn fl-ewwel waqfa tiegħu fil-Parroċċa tagħna kienet fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris fejn kien milqugħ mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez, mill-kleru tal-parroċċa u minn

bosta parruċċani. Il-Gvernatur u Lady Dorman ġew imdawra mill-kappillan madwar il-Knisja.

Wara l-Gvernatur niżel bil-pass għall-Każin tas-Soċjetà fejn ġie milqugħ mill-President Dr. E. Bonello u l-kumitat, kif ukoll mill-Banda Stella Maris li daqqet l-Innijiet nazzjonali. Ġewwa l-każin Sir Dorman ġie mdawwar mis-sala Prinċipali, preżenti ukoll kien hemm l-Agent Prim Ministru u Sinjura Felice. Wara Sir Dorman u s-sinjura tiegħu attendew għall-Programm Mużikali li l-Banda Stella Maris tagħmel fi Pjazza Annunzjata Lejliet il-Festa. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro. Joseph Darmanin.

**50 Sena ilu-**
Mro. Anthony Abela fl-1 ta' Mejju ta' l-1967 ġie maħtur mill-Kumitat tas-Soċ. Fil. Stella Maris, bħala surmast direttur tal-Banda Stella Maris, huwa kien ilu assistent surmast tal-Banda għal 23 sena, liema banda fiha kien trawwem u tant ħabb sa minn ċkunitu.

Dejjem fl-istess sena imma bejn 14 ta' Novembru u l-15 ta' Novembru nsibu l-Banda Stella Maris taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Abela tagħmel żewġ Programmi Mużikali fl-okkażjoni taż-żjara statali li għamlet ġewwa Pajjiżna r-Regina Elizabetta II, l-ewwel programm kien ġewwa l-Belt Valletta filwaqt li l-għada l-15 ta' Novembru ġewwa x-Xatt ta' Tas-Sliema.

**40 sena ilu-**
Fil-Festa tas-sena 1977 nsibu bħala mistieden ta' l-unur, il-President tar-Repubblika Dr. Anton Buttigieg, din kellha tkun l-ewwel żjara li għamel President ta' Malta fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Nhar it-18 ta' Awwissu Dr. Buttigieg ġie milqugħ mill-President tas-Soċjetà l-Imħallef Dr. Vincent Scerri flimkien mall-Kumitat, wara li ġie mdawwar mall-Każin sar riċeviment għad-unur il-president u saru diskorsi ta' l-okkażjoni. L-Imħallef Scerri stieden lil President ta' Malta sabiex jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi bħala tifkira taż-żjara tiegħu fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris.

**30 Sena ilu –**
Is-Sibt 8 ta' Awwissu fil-knisja ta' Stella Maris ġie armat id-damask il-ġdid wara l-quddies tas-7.30p.m. Dan ġie armat miż-żgħażagħ ta' l-Armar, l-aħwa Charles u Alfred Debono, l-aħwa David u Marco, il-mibki Rene Sant, Paul Bonaci, Silvio Falzon u David Sant.


TIMES OF MALTA, MONDAY AUGUST 20, 1962 9

*FEAST OF STELLA MARIS:*

**Governor Meets Parishioners**

*By a Staff Reporter*

His Excellency the Governor and Lady Dorman and the Hon. Acting Prime Minister and Mrs. G. Felice, were entertained by the President and Committee of the Stella Maris Band Club, Sliema, on Saturday evening, Eve of the Feast of Stella Maris.

Both the Governor and the Acting Prime Minister were accorded a warm reception outside the club premises by a large number of people who were there to hear the Hymn to Our Lady played by the Stella Maris Band and sung by the Hamrun Choir.

Dr. E. Bonello, President of the Club, and Mr. P. Vassallo, Hon. Secretary, welcomed the distinguished guests while the band under the baton of Mro. J. Darmanin, A.Mus. L.C.M., played the Hymn of Malta and the National Anthem as the visitors arrived.

Sir Maurice and Lady Dorman had earlier visited Stella Maris Parish Church where they were conducted round the splendidly decorated church by Father J. Inguanez, Parish Priest, and by the Parish Clergy who were presented to the visitors. Sir Maurice and Lady Dorman chatted informally with a number of people who had gathered outside the main door of the church to see their arrival.

With the Parish Priest and the Clergy, the Governor and Lady Dorman walked down to the club where they were joined by the Acting Prime Minister and Mrs. Felice.

The crowd in the Square greeted them with warm applause and again the Governor and his wife mixed and chatted with the people before the President and Secretary conducted them to the club.

Dr. Bonello presented members of the committee and the representatives of other organizations in the area who were also invited. Bouquets were presented to Lady Dorman and Mrs. Felice.

Sir Maurice and Lady Dorman and Dr. and Mrs. Felice soon reappeared in the balcony when the band played the Hymn to Our Lady which was ably sung by the Hamrun Choir. The distinguished visitors led in the applause.

Trophies amassed by the club during its 58-year history were admired by the visitors. There were handsome cups donated over the years and beautiful banners.

Four cups, one donated by Father J. Borg, procurator of the feast, and another three by admirers through funds collected by Mr. Paul Tanti, were on show.

A smaller cup presented to Mr. Paul Triganza was also on view. This was presented by the young men who had put up the street decorations which Mr. Triganza had designed. It was a token of appreciation to Mr. Triganza's generous contribution to the street decorations.

His Excellency Sir Maurice Dorman with Father Inguanez, Parish Priest, during the Governor's visit to Stella Maris Parish Church, Sliema. On the right Lady Dorman is chatting with a Maltese woman.

Is-Sibt 22 ta' Awwissu 1987 ġiet imżanżna għall-ewwel darba l-istatwa tal-Madonna tax-Xatt xogħol l-istatwarju Għawdxi Michael Camilleri Cauchi, li kien ikkummissjonat b'din l-opra mill-Għaqda ta' L-Armar Stella Maris. Din l-istatwa twasslet fix-Xatt ta' Tas-Sliema permess ta' yacht u ġie milqugħa mill-Banda Stella Maris li akkumpanjata b'marċ brijuz madwar ix-Xatt kollu għal ħabta tad-9.30p.m.

Hekk kif l-istatwa kienet tniżżlet fix-Xatt kien beda l-logħob tan-nar ta' l-ajru li kien jinkludi diversi murtali, murtaletti, blalen, sfejjer u murtali tal-kulur. L-Istatwa ġiet imbierka mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Dun Joe Bugeja illum Monsinjur. Fil-11.15p.m. l-istatwa ġiet imtella' għall-ewwel darba fuq il-kolonna artistika tagħha li saret fuq disinn tas-Sur Salvu Bugeja fost il-ħruq ta' kaxxa nfernali tal-kulur u ċapċip tas-Slimżi miġbura numerużi.

**25 Sena ilu –**

Fis-27 ta' Ġunju 1992, Il-Banda Stella Maris tat l-aħħar tislima lill-President tagħha s-Sur Sunny Attard li miet jum qabel. Il-Banda akkumpanjat il-funeral b'daqq ta' marċi funebri f'korteo li telaq minn Pjazza Annunzjata u kompla fi Triq San Vinċenz, il-Kbira sa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Fil-Festa ta' dik is-sena s-Sur Attard kellu f'moħħu li tiżżanżan bandiera ġdida tas-Soċjetà, l-ispejjes tagħha tħallsu mill-President stess, imma d-destin ma riedtx lis-Sur Attard jara din il-bandiera tiġi mżanżna. Kien ibnu Kenneth li tella' l-Bandiera l-ġdida għall-ewwel darba, nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu 1992 waqt li l-Banda Stella Maris daqqet l-Innu tas-Soċjetà.

Dejjem fil-Festa ta' l-1992, eżattament nhar it-18 ta' Awwissu tfakkar il-ħamsin sena mill-mewt tas-Surmast Fundatur tal-Banda Stella Maris, Mro. Ferdinando Camilleri, fejn is-serata ġiet fi tmiem tagħha bil-kxif ta' irħama kommemorattiva fil-Każin tas-Soċjetà.

**20sena ilu –**

Għal jiem tal-Festa l-Każin huwa s-soltu jilbes l-libsa tal-Festa kemm ġewwa kemm barra, ovvjament il-faċċata tkun armata bil-kbir, dan l-armar jinbidel minn żmien għal ieħor. Fl-1997 ġie kkummissjonat b'disinn ġdid għal faċċata s-Sur Salvu Bugeja. Li ħaseb biex il-faċċata tikkumplimenta mall-armar tal-Pjazza li huwa stess kien ħoloq. Ix-xogħol ta' l-injam kien sar minn Martin Vella, filwaqt li Salvu Bugeja għamel ix-xogħol ta' indurartura, żebgħa u sfumar. Magħhom jgħinu fix-xogħol kien hemm bosta membri u żgħażagħ. Dan l-armar ġie imżanżan it-Tnejn 17 ta' Awwissu, wara li l-Banda Stella Maris tkun laqgħat il-ħruġ tal-Vara Titulari minn-niċċa tagħha, bid-daqq ta' Innu tas-Soċjetà tas-surmast Camilleri u ħruq ta' musketterija.



*Il-Banda Stella Maris fil-Music Fest 2007*

**10 Snin ilu –**

Fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' Stella Maris li tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Mejju, insibu li l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris iddeċieda li għal dik is-sena ssir Festa ta' Mużika bl-isem Stella Maris Music Fest, li sar bejn l-4 u s-6 ta' Mejju 2007.

Il-post fejn inżamm dan il-Music Fest kien it-teatru Deporres, li għalkemm kien ilu snin ma jintuża bit-tħabrik tal-kumitat, membri u partitarji f'qasir żmien ġabuh il-post li kien għamel, post xieraq fejn jinżamm dan il-Festival.

Kienet il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika li bix-xieraq reġgħet fetħet it-teatru Deporres wara tnax il-sena magħluq, b'Kunċert li għalih kien mistieden ħadd ħlief il-President tar-Repubblika ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu. Il-President ta' Malta kellu kliem ta' tifħir fid-diskors tiegħu lejn il-Banda Stella Maris u s-surmast tagħha Mro. M.Pulis fejn fost l-oħrajn eseġwiet siltiet mill-1812 ta' Tchiakovsky. Finlandia ta' Sibelius etc.

Fit-Tieni Jum tal-Music Fest kien imiss kunċert mill-"Complesso Bandistico Giuseppe Verdi" ta' Aci San Antonio f'Sqallija li kienu mistiedna mis-Soċ. Fil. Stella Maris sabiex jieħdu sehem f'dan il-Festival. Din is-serata saret taħt il-patroċinju tal-E.T. L-Ambaxxatur Taljan għal Malta Signor Paolo Andrea Trabalza. Il-Banda ta' Aci San Antonio kienet taħt id-direzzjoni tal-Professur Alfio Zito.

It-tielet u l-aħħar Jum tal-Festival ġie fi tmiem tiegħu mill-"Associazione Musicando Insieme Porto Torres, Sassari". Dan il-Kunċert ukoll li sar il-Ħadd 6 ta' Mejju filgħodu wkoll kien taħt il-Patroċinju ta' L-Ambaxxatur Taljan, li tant għoġbitu l-idea ta' dan il-Music Fest li reġa' attenda għal dan il-Kunċert. Fid-diskors li għamel u li bih ingħalaq il-Music Fest, Dr. Trabalza faħħar is-Soċ. Fil. Stella Maris għal din l-inizjattiva kif ukoll hija xhieda ta' kemm għandha għal qalba l-imħabba lejn il-Kultura.

strawberry fields
High Street, Sliema
BY DAVID GAUCI | +356 9925 6909

essence

**Drawwa antika fil-Festi Maltin kienet li f'nhar il-Festa malli l-Istatwa tfeġġ fil-bieb tal-Knisja, fil-bidu tal-purċissjoni, jintefgħu minn fuq il-bejt ta' l-istess knisja għadd ta' karti u stampata fuqhom xi poeżija jew taqbila b'tifħir lill-istess Patrun jew Patruna tal-lokal. Dawn saru magħrufa bħala sunetti, għalkemm dan it-terminu mhux korrett għall-aħħar għas sunett hi poeżija ta' erbatax-il vers. Insomma dan it-terminu ssellef sabiex jagħti isem lil dawn il-volanti. Din li nippubblikaw hi l-eqdem waħda li ltaqjna magħha s'issa u li tmur lura għas-sena 1924.**

**Ħajr speċjali lis-Sur Tony Terrible**

# LILL OMMNA MARIA

# CHEUBA TAL BAHAR

Fil jum tal Festa Tahha, fil Cnisia Parrocchiali ta tas-Sliema

24 TA AUUISSU 1924

X'jena nara kighed nilmah
Zejn il bahar u is-simeuniet
Bastiment mal meug jitchisser
Stilla tiddi fid-dlamijet.

Kluh u arbli collox spiccia
Ma fadalx hlief il bord biss
Dakka kalb il meug jintilef
U ohra flaria nahsbu imiss.

Il bahrin jieshom maktuha
Mixhutin fl'art gharcupteihom
Jech icoll-o kalbeo taz-zonkor
Jaksmubieleo thares leihom.

Ghaineihom fli Stilla fissi
Fiha jarau il Maria
It-tama tahhom fiha kghedu
U bdeu jghaidu Litanija.

X'hin uaslu f'Santa Maria
Ser miraclu l'izied cbir
Ziffa rieh li giet tefathom
Geuua il port narhom dehlin.

F'dakka uahda is-suar mimlija
Bin-nies colla ferhanin
Il bahrin il cúragg jghamlu
L'ancri nismahhom nislin.

Il periclu collu spiccia
In-nies colla kauuijin
Jirringrazziau l'Ommna Maria
U il binha Gesù Bambin.

Min ghandu il vera fidi
U it-tama ikighed f'Maria
U jitloba hi tisimghou
Il grazzia lifhu tatiha.

Biex bhal omm tcun tista tidher
U mil ghadu il cullhatt tuarrab
Sal killa min ta bahar
Giurnata chella iggiarrab

Min Afaco ghal Palestina
Maria ma San Ginan viaggat
Tempesta li katt ma dehret
Il periclu tal bahrin rat.

San Ginan staksa il Maria.
Haun sa icun il kabar taghna !
Lil hanin Gesú nitolbu
U Hanin Gesù jisimghna.

Maria il Gesù talbet
Jintilef il bahrin matrio tarah
Min fil periclu lilha jitlob
Ueghda ghamlet li is-salvah.

Nirringrazziau il hanin Alla
Mil grazzia li taha l'Maria
Nistghou nghaidu li ahna salvi
Jech fil periclu niftacru fiha.

Il coll ahna navicanti
Fil periclu ta culljum
L'ghadu jigi biex jirbhna
Maria boghod minna igiaghlu imur.

Ragg tes-Sema ixhet fukna
Ghalbiex nghajxu fl'umiltà
M'anhallux l'ghadu jirbahna
U naghaixu fil libertá.

Evviva Stella Maris
Int l'aurora taz-zerniek
Deuuakna hleuujet is-Sema
Chif cullhatt jiusab mixtiek

Evviva Stella Maris
Illum ill festa tighec
Mighec hudna il Genna
Ingauduo ma l'Iben Tighec.

Min irid jakla xi grazzia
Jitloba il Stella Maris
Ihos kalbu cuntenta
bharsa helua li leih thares.

M. GIORDIMAINA